# Lhudija

*Ta'* Louis Ellul

Minsuba fil-għera ta' dwejra waħxija,
Fil-beraħ tax-xagħri, fejn jgħammar is-skiet;
Hemm tfajla magħdura, musfara u mixruba,
Għajnejha tixħdilha sbuħija li ntfiet.

Xi ġralha dit-tfajla? Għaliex hekk mikduda
Tinsab hemm weħidha minsija min-nies?
X'qatt għamlet f'ħajjitha, biex ħadd fost iż-żgħażagħ,
Imsaħħar warajha, ma qiegħed wennies?

Ismagħha x'titniehed!... Araha x'titbekka!...
Minn fommha kemm ħiereġ imgħaddab il-kliem!
Qed titlob iż-żamma, minn Dak li ħalaqha,
Ta' l-id kollha qilla, qerrieda tas-sliem.

Għax setgħa qawwija, magħġuna bil-għira,
Bil-qerq u bid-dnewwa ta' qlub mingħajr ħsus;
Jassritha u ħaqritha: ċaħditha minn ġidha,
Keċċietha minn darha, bagħditha mal-ġnus.

Mifluġa w għajjiena, hi mxiet kemm-il wita
U telgħet fuq iġbla u niżlet f'widien;
Biex taħrab il-għajta tas-setgħa qawwija:
'Ma l-għajta tal-biża' tinsab kullimkien!

"Min fih għandu jbaqbaq," tgħid l-għajta lid-dinja,
"Id-demm tal-ġens rgħibi, misħut mill-Ħallieq,
M'għandux ikun aktar imweġġah, 'ma mkasbar:
Hu ġiegħel lil għajru jitkagħweġ fit-trieq."

* * *

Bnedmin, li tixtarru ma' tlugħ ix-xemx sbejħa
Il-għasel u l-benna t'art ħielsa mis-semm;
Iċċaħħdu waqt wieħed minn l-hena ta' djarkom
U wieġbu bil-ħniena għas-sejħa tal-hemm.

Hu minnu li n-nisel ta' ġens, li bir-rieda
Ta' l-Ogħla kien sallab Min twieled għalih,
Biex kiseb il-bniedem il-fidwa ta' ruħu;
M'għandux jistgħall iżjed is-sliem u l-mistrieħ?

Il-għaks u t-tbatija, li jheddu lid-dinja,
Mhumiex ħlief il-ġabra tal-ħażen tal-lum;
Bla jedd mela l-qawwi jinħasel mill-ħtija
U 'l min bla ma jaħti, għax żgħajjar, ilum.

Fil-mixja ta' l-iżmna, tal-għerf in-nixxiegħa
Mhux dejjem issawret mill-moħħ ta' ġnus kbar.
In-nieqes u ż-żejjed huma aħwa fil-ħajja:
Kull ħlieqa meħtieġa għall-ogħna u l-aħjar.

Ningħaqdu qalb waħda, bħal aħwa f'familja,
Id-dgħajjef mal-għaref, iċ-ċkejken mal-kbir;
U d-dell ta' l-imgħoddi naħarbu kemm nistgħu,
Għax dan li jifridna, bil-ġlied u t-tagħjir.

Hekk, sħiħa u magħquda, nissaħħu bil-faraġ,
Li jħaddar lil qalbna b'tamiet għall-ġejjien
U jirfed lil ħsiebna bil-ħeġġa żagħżugħa,
Li tħassar u taħfer kull għelt ta' daż-żmien.

U t-tfajla marida, ma' ġensha l-imżeblaħ,
Tinfatam sa fl-aħħar mill-ħqir u taħbit
U tifhem li d-dinja maħluqa għaliha,
Xħin tħoss li qed taqsam il-ħajja mill-ġdid.